MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1956/2004

**Atlas Insurance Limited [C 15239], de proprio kif ukoll kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michael Attard Limited**

**Vs**

**Sullivan Maritime Limited, bhala agent tas-socjeta' estera Atlantica SpA di Navigazione, armatur u/jew noleggjatur tal-bastiment "M.V. Eurostar Valencia"**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin lira Maltin u centezmu (Lm232.01c) rapprezentanti kwantu ghal mitejn u ghoxrin lira Maltin u centezmu (Lm220.01c) sborsat mis-socjeta' attrici lill-assigurat taghha bhala indennizz u kwantu ghal tnax-il lira Maltin

(Lm12) survey fees u dan wara li kien hemm nuqqas u hsarat f'konsenja ta' tlett vetturi Peugeot li waslu Malta fl-14 ta' Novembru, 2003 fuq il-bastiment "M.V. Eurostar Valencia".

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha u dan stante li s-socjeta' konvenuta m'hijiex responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta' attrici minhabba li hi qdiet l-obbligi taghha kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi s-socjeta' attrici ghandha ggib prova tas-surroga moghtija a favur taghha.

3. Illi t-talba in konnessjoni mas-survey fees relattivi ghandha tigi michuda stante li ma tezisti l-ebda prova ta' l-istess.

4. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa eccessiv.

Sema' x-xhieda ta' Peter Bonello, Brian Valenzia, Martin Zammit u ta' John Falzon.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Joseph Zammit McKeon ghas-socjeta' attrici u ta' Dr Carlo Bisazza ghas-socjeta' konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kumpanija Michael Attard Limited impurtat tlett karozzi Peugeot minn Valencia ghal Malta u dan abbazi ta' polza ta' karigu MLA011 u gew trasportati mill-vapur "M.V. Eurostar Valencia".

Il-karozzi waslu Malta f'Novembru 2003 u fl-14 ta' Novembru, 2003 nizlu minn fuq il-vapur u gew ikkonsenjati lil The Cargo Handling Company Limited.

Hargu mill-port fis-17 ta' Novembru, 2003 u meta dawn il-vetturi gew ikkonsenjati lill-importatur instabu diversi hsarat u nuqqasijiet kif jirrizulta mis-survey maghmul minn Brian Valenzia w anki mill-Gate Pass-Out.

Il-kwistjoni kollha tqum biex wiehed jiddetermina fejn effettivament saru dawn il-hsarat u nuqqasijiet. Meta l-karozzi jinzlu minn fuq il-vapur normalment ikun hemm Joint Tally bejn ir-rapprezentant tal-vapur u The Cargo Handling Company Limited izda f'dan il-kaz saru zewg single tallies, cjoe' wiehed minn Sullivan Maritime Limited u l-iehor minn The Cargo Handling Company Limited. Skond it-Tally Sheet ta' Sullivan Maritime Limited m'hemm l-ebda rimarki negattivi fir-rigward tat-tlett vetturi Peugeot izda mit-Tally Sheet ta' The Cargo Handling Company Limited il-vettura li ghandha x-chassis numru 4191 kellha aerial u cigarette lighter nieqsin.

Skond il-Gate Pass-Out, li jsir meta l-vetturi jkunu se johorgu mill-port jidher li minn dawn it-tlett vetturi kien hemm cigarette lighter u set hubcaps li kienu nieqsin u batterija li waqghet ghaliex l-ignition thalla mixghul.

Il-claim kif jirrizulta mis-survey tirrigwarda daqqa fuq ir-rear right wing fil-karozza bix-chassis numru li jispicca 4191, barxa fuq il-front left wing fuq il-karozza bix-chassis numru li jispicca 4759 u fir-rigward tal-vettura bix-chassis numru li jispicca 3811 kien hemm il-hubcaps nieqsin, cigarette lighter nieqes u batterija baxxa ghax l-ignition thalla mixghul.

Illi l-iskop tal-Joint Tally Sheet isir, billi f'dak il-mument ikun hemm traslazzjoni ta' pussess u responsabbilta' legali mill-vapur ghal The Cargo Handling Company Limited li huwa l-kuntrattur li jiehu hsieb il-merkanzija meta tidhol fil-port.

Jekk it-tally ma jkunx joint, u cjoe' jekk l-agent tal-vapur ma jkollux il-firma tar-rapprezentant ta' The Cargo Handling Company Limited, huwa jkollu s-sogru illi ma jkollux prova sufficjenti biex juri f'liema stat huwa kkonsenja l-merkanzija lil The Cargo Handling Company Limited.  Dan japplika wkoll vice-versa fil-konfront ta' The Cargo Handling Company Limited.

Fil-kaz odjern, it-Tribunal m'ghandux ghalfejn jidhol aktar fil-profond dwar l-effetti guridici naxxenti mill-fatt li jsiru zewg single tally sheets flok wiehed joint hlief li jinghad li meta jsir hekk iz-zewg partijiet ikunu qed ixejnu l-valur probatizju tat-tally u ma jaqbel lill-ebda wiehed minnhom li jsir hekk.

Minn ezami tad-danni kif riskontrati mis-Surveyor Valenzia paragonat man-nuqqasijiet riskontrati meta saru z-zewg tallies, l-ebda nuqqas indikat f'dawn id-dokumenti ta' l-ahhar ma jifforma parti mill-mertu tal-kawza odjerna – lanqas is-cigarette lighter u dan billi skond it-tally dan kien nieqes mill-vettura 4191 mentri l-claim ghas-cigarette lighter sar ghall-vettura bic-chassis 3811.

Ghalhekk it-talba attrici ser tigi michuda billi ma tirrizultax pruvata.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------